Tgħiduli dawn li qed isemmi huma ntietef żgħar. Tajjeb. Nieqaf hawn u ma nsemmix iżjed bħal, ngħidu aħna, kif it-tfajla Anni, il-qaddejja l-ġdida tal-Kappillan taħsel l-art fil-Milied imqaddes ġo dar il-kappillan stess, jew inkella l-kunfidenza kbira li kellu Nettu ma' l-Isqof hekk li kien jidħol għandu bla xkiel ta' xejn. Dawn, naqbel magħkom jekk tlumuni, huma tikek żgħar li ma jagħtux wisq fil-għajn u jħallu l-karta bajda u sbejħa bħalma hi.

Imma, ma niqafx qabel ma ngħid l-aħħar kelma. Il-mod kif l-awtur jiddeskrivi f'xi waqtiet l-imħabba u l-ġesti eżeġerati bejn Nettu u t-tfajliet li ħabb, l-iktar it-tmellis żejjed fejn m'għandux ikun, ħassejthom idejquni ukoll jekk jien illum bniedem magħmul. Bħallikieku llum biex tikteb u togħġob lill-kotra tal-qarrejja trid iżżid dik id-doża tas-sesswalità li saret ferm irħisa fost l-awturi moderni, għax inkella ma tkun xejn naturali fil-kitba tiegħek. Ma naqbilx. Il-qarrej serju ma jiżinx il-kobor ta' rumanz mit-tqanqil tal-passjoni imma mill-benna li jħoss nieżla f'qalbu meta jara l-kobor tal-karattri li jinġsu l-ġrajja, is-sengħa u l-ħila fl-espressjoni u d-deskrizzjonijiet naturali, u meta jħossu jistagħna fil-ħsieb. Jiġifieri jkun tani gost naqrah mill-bidu sat-tmiem mingħajr ma l-kuxjenza rqiqa tiegħi tħossha mdejjqa xi ftit kemmxejn.

Mill-bqija, Anton Grasso bil-ktieb tiegħu 'AĦJAR BAQA' JOĦLOM' niseġ rumanz qawwi u ta' siwi li jista' jkun mera ċara tal-ħajja letterarja li l-awtur għandu mifruxa quddiemu. U dan lili jferraħni l-aktar għax nintebaħ kemm il-ġejjieni tal-letteratura Maltija fil-qasam tar-rumanz għad jista' jkun għani u kbir.

**7.6.76** **PAMIZA**

# Versi

Mulejja d-dinja ħżienet!
— u jien miniex xi tajjeb —
Iżda l-baħar imqalleb madwari
qiegħed ibeżżagħni.

Tant hawn maskri madwari jogħlew
li qegħdin iħawduni.
Agħtini l-għajnuna
biex qatt ma nxedd maskra ma' wiċċi.

Mulejja, jien dgħajjef!
Urini f'dal-lejl ta' maltemp
ftit dawl.

Ftakar, Mulejja,
li tajjeb miniex.

**ALFRED MASSA.**